DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-4 ta' Ġunju 2012

li ttemm il-proċediment anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-aċidu tartariku li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, limitat għal produttur esportatur Ċiniż wieħed, Hangzhou Bioking Biochemical Engineering Co., Ltd

(2012/289/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA

(1) Fil-15 ta' Ġunju 2011 il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") irċeviet ilment dwar l-allegat dumping dannuż li jikkonċerna l-importazzjonijiet tal-aċidu tartariku li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina limitat għal produttur esportatur Ċiniż wieħed, Hangzhou Bioking Biochemical Engineering Co., Ltd. ("il-kumpanija ikkonċernata").

(2) L-ilment kien ippreżentat mill-produtturi li ġejjin (il-kwerelanti): Distillerie Bonollo SpA, Industria Chimica Valenzana SpA, Distillerie Mazzari SpA, Caviro Distillerie S.r.l. u Comercial Quimica Sarasa s.l. li jirrappreżentaw parti sostanzjali, f'dan il-każ iżjed minn 50 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-aċidu tartariku.

(3) L-ilment kien fih evidenza *prima facie* tal-eżistenza ta' dumping u ta' ħsara materjali li rriżultat mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, li tqieset biżżejjed biex ikun ġustifikat il-bidu ta' proċedeminet anti-dumping.

(4) Il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, f'avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2], bdiet proċediment anti-dumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet tal-aċidu tartariku li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, limitat għal produttur esportatur Ċiniż wieħed, Hangzhou Bioking Biochemical Engineering Co., Ltd. ("il-kumpanija ikkonċernata").

(5) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-industrija tal-Unjoni, lill-produttur esportatur fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, lill-importaturi, u lill-awtoritajiet tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jistqarru fehmiethom bil-miktub u li jitolbu seduta ta' smigħ fil-limitu taż-żmien stabbilit fin-notifika ta' bidu.

(6) Il-partijiet kollha interessati li talbu dan u li ppreżentaw raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ingħataw seduta ta' smigħ.

B. L-IRTIRAR TAL-ILMENT U TMIEM IL-PROĊEDIMENT

(7) Il-kwerelanti rtiraw formalment l-ilment tagħhom permezz ta' ittra lill-Kummissjoni datata l-14 ta' Frar 2012.

(8) Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku, il-proċediment tista' tintemm meta jiġi irtirat l-ilment, sakemm tali tmiem ma jkunx kontra l-interess tal-Unjoni.

(9) Il-Kummissjoni qieset li l-proċediment attwali għandu jintemm minħabba li l-investigazzjoni ma sabet l-ebda raġuni jew konsiderazzjoni li turi li dan it-tmiem ma jkunx fl-interess tal-Unjoni.

(10) Il-partijiet interessati ġew mgħarrfa b'dan u ngħataw l-opportunità li jikkummentaw. Ma tressqu l-ebda kummenti li jindikaw li dan it-tmiem ma jkunx fl-interess tal-Unjoni.

(11) Għaldaqstant il-Kummissjoni tikkonkludi li l-proċediment anti-dumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-aċidu tartariku li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għandha tintemm mingħajr l-impożizzjoni tal-miżuri,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proċediment anti-dumping dwar l-importazzjonijiet ta' aċidu tartariku li bħalissa jaqa' taħt il-Kodiċi NM ex 2918 12 00, li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina limitat għal produttur esportatur Ċiniż wieħed, Hangzhou Bioking Biochemical Engineering Co., Ltd, hija hawnhekk mitmuma.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Ġunju 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
[2] ĠU C 223, 29.7.2011, p. 11.